MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 510/2012

**Borvin Aluminium Limited (C38377)**

**vs.**

**ECA Aluminium**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elfejn mitejn u sebgha u sebghin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€2277.44) dovuta mill- konvenuta lis-socjeta` attrici, rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta mill-konvenuta lis-socjeta` attrici ghal materjal ta' aluminium lilha mibjugh, li ghadha ma thallsitx.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-

avviz tas-Seduta, hija ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil ECA Aluminium thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elfejn mitejn u sebgha u sebghin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€2277.44), bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------